Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0419(NLE)

6.2.2024

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-emenda tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud
(COM(2023)0736 – C9-0007/2024 – 2023/0419(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Irene Tinagli

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni, tal-emenda tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud
(COM(2023)0736 – C9-0007/2024 – 2023/0419(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2023)0736),

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ emenda tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (COM(2023)0736),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 113 kif ukoll l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0007/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 82 u 114(8) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2024),

1. Japprova l-konklużjoni tal-emenda tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Renju tan-Norveġja.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta tindirizza l-emenda tal-Ftehim bejn l-UE u n-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru ta' talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), li daħal fis-seħħ f'Settembru 2018.

Il-Ftehim jippermetti li l-Istati Membri tal-UE u n-Norveġja jikkooperaw b'mod simili li jagħmlu l-Istati Membri biex jiġġieldu kontra l-frodi tal-VAT, u jassistu lil xulxin biex jirkupraw talbiet fil-qasam tal-VAT. Madankollu, mill-2018 ġew introdotti diversi emendi fil-kooperazzjoni fil-qasam tal-VAT bejn l-Istati Membri tal-UE u għodod ġodda għall-kooperazzjoni amministrattiva:

- it-tisħiħ tan-network tal-Eurofisc permezz ta' governanza msaħħa (ipproċessar u analiżi konġunti tad-data);
- l-introduzzjoni tal-possibbiltajiet ta' inkjesti amministrattivi li għandhom jitwettqu b'mod konġunt (awditi konġunti);
- il-ħidma ma' korpi oħra tal-infurzar tal-liġi tal-UE (l-Europol, l-OLAF);
- il-kondiviżjoni ta' informazzjoni ewlenija dwar l-importazzjonijiet u dwar il-vetturi;
- l-introduzzjoni ta' għodod ġodda ta' kooperazzjoni amministrattiva, billi jiġu permessi mezzi oħra għall-iskambju ta' informazzjoni mill-formoli standard;
- taġġorna r-referenza legali għar-regoli ġenerali l-ġodda dwar il-protezzjoni tad-data fl-UE, kif ukoll tagħmilha ċara li l-Kumitat Konġunt UE-Norveġja mhuwiex kompetenti għal tilwim ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data.

L-inklużjoni tal-bidliet imsemmija hawn fuq fl-emenda tal-Ftehim tkun tippermetti kooperazzjoni aħjar u ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, u b'hekk iġġib valur miżjud kemm għall-Istati Membri tal-UE kif ukoll għan-Norveġja. Se tallinja wkoll il-kooperazzjoni bejn in-Norveġja u l-Istati Membri mal-istess struttura tal-kooperazzjoni attwalment fis-seħħ bejn l-Istati Membri tal-UE.

Skont l-Artikolu 218(6) tat-TFUE, il-Kunsill jista' jadotta d-deċiżjoni biex jikkonkludi l-ftehim biss wara li l-Parlament Ewropew jagħti l-opinjoni tiegħu.

Ir-rapporteur tilqa' l-konklużjoni tal-emenda għal dan il-ftehim bilaterali bejn l-UE u n-Norveġja u taqbel mal-Kummissjoni li l-emenda ta' dan il-ftehim tipprevedi qafas legali sod għal kooperazzjoni b'saħħitha bejn in-Norveġja u l-Istati Membri.